MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Talba Numru. 418/2009

**Richard Galea (K.I. 410459M)**
**vs**
**Charles Joseph Formosa**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tal- attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlett elef, mitejn u wiehed u sittin ewro u tnax-il ewro centezmu (€3,261.12) rapprezentanti il-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 29 ta’ Ottubru, 2008 u tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Jannar, 2009 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva li preliminarjament ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-

pretensjonijiet ta’ l-attur Richard Galea in kwantu mghandu l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-istess.

Illi t-talbiet tal-attur huma privi minn kull fondament guridiku u fattwali.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2010 l-avukat difensur tal-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni u qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2156(f) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ il-preskrizzjoni ta’ hames snin.

Ra d-dokumenti ezebiti in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Richard Galea.

Sema t-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u t-Tribunal ghadda sabiex jaghti sentenza dwar l-eccezzjoni mqajma ulterjorment mill-konvenut.

**Ikkunsidra:-**

Illi din il-kawza titratta dwar mobbli allegatament mibjugha u kunsenjati lill-konvenut. Illi permezz ta’ nota pprezentata mill-konvenut jirrizulta li l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali fis-27 ta’ Jannar, 2009.

Illi mix-xhieda tal-attur jirrizulta li huwa kien biegh lill-konvenut mobbli fis-somma ta’ erba’ t’elef u hames mitt lira Maltin (LM4,500) ta’ dak iz-zmien, ghaxar snin ilu. Illi bejniethom ma kien hemm xejn bil-miktub. Illi kienu ftiehmu li l-konvenut kellu jhallsu pagamenti ta’ mija u erbghin liri Maltin (LM140) ta’ dak iz-zmien fix-xahar. Illi l-konvenut kien beda jhallas lill-attur u kien fadal jaghtih elf u erba’ mitt lira Maltin (LM1,400) meta huwa kellu incident tat-traffiku. Illi fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2009 qal illi l-konvenut kien waqaf jhallsu sitt snin qabel.

L-attur qal illi l-konvenut kien spjegalu li huwa kien ha jhallsu meta kellu jircievi xi somma mill-assikurazzjoni wara l-istess incident tat-traffiku. Qal ukoll illi xi sena u

nofs qabel ma nfethet il-kawza kien irceva *SMS* fuq il-mobajl tieghu fejn qallu li kien ha jhallsu. It-Tribunal jirrilleva li l-attur kien zamm din l-*SMS* fuq il-mobajl tieghu, izda t-Tribunal fic-cirkostanzi ma jhossx illi messagg fuq mobajl jista' jigi ritenut bhala prova ta' amissjoni ta' dejn skont il-ligi.
Illi jirrizulta lit-Tribunal illi l-ittra ufficjali giet epprezentata fis-27 ta'Jannar, 2009. Illi il-bejgh tal-mobbli kien sar fl-1999, u ghal-habta ta' Novembru tal-2003 l-konvenut kien waqaf milli jhallas lill-attur. Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-terminu ta' hames snin jibda jiddekorri f'Novembru tal-2003 meta kien l-ahhar pagament li kien ircieva l-attur mill-konvenut. Illi l-ittra ufficjali giet epprezentata fis-27 ta Jannar, 2009 u cioe' wara t-terminu preskrittiv ta' hames snin.

Fic-cirkostanzi, wara li sema' u evalwa l-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156 ( f) tal-kapitlu. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**Av. Dr. Maria Karlsson, LL.D.**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------